# Birkirkara Fi Żmien Il-Ġwerra

Catherine Fenech B.A. (Hons.) - P.R.O. Ven. Soċjeta Dun Filippu Borgia

Birkirkara ġeografikament impoġġija fin-nofs ta' Malta, dejjem kienet lokalita ippopulata ħafna. Il-pożizzjoni ġeografika tagħha, jiġifieri lokalita mhux daqshekk 'il bogħod mill-portijiet imma biss xorta 'il bogħod mill-periklu, dejjem ġibdet popolazzjoni lejha, l-aktar fi żmien epidemiji kbar li kienu jibdew normalment minn madwar il-portijiet bħall-pesta tal-1813 u fi żmien il-gwerer bħal eżempju fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi u fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Dan il-vantaġġ ġeografiku għamel lil B'Kara titqies bħala l-Belt Kapitali ta' Emerġenza f'kull ċirkustanza ta' inkwiet Nazzjonali b'mod speċjali waqt it-Tieni Gwerra Dinjija.

Birkirkara kellha sehem kbir fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Tat kenn lil diversi dipartimenti tal-gvern, skejjel, kulleġġi u monasteri u fuq kollox refuġjati. Il-konfini ta' Birkirkara kienu jifirxu sal-Madliena, is-Swieqi, St. Andrews, Pembroke, fejn ittieħdu artijiet għall-bini ta' barracks, fortizzi, postijiet għas-searchlights u mħażen għall-petrol, żjut u minizzjon.

Kif bdew il-bumbardamenti bl-ajru il-Gżejjer Maltin b'mod speċjali fuq il-portijiet, ħafna abitanti tal-Belt Valletta u l-Kottonera, ħarbu minn djarhom u fittxew il-kenn f'postijiet bħal Ħal Qormi, Ħamrun, Rabat u Birkirkara. Ġuże Ellul Mercer fid-djarju tiegħu "Minn Taħt in-Nar" isemmi li f'B'Kara il-popolazzjoni kienet tlaħħaq il-50,000 ruħ fl-ewwel jiem tal-gwerra fuq Malta. Jingħad li r-residenti ta' Tas-Sliema kollha nħarġu minn djarhom u fittxew kenn f'Birkirkara. Dawn in-nies ingħataw kenn fi djar privati, fejn kienu joqogħdu anki 4 familji ġo dar waħda. L-iskola tal-Gvern li kienet għadha kif inbniet, bdiet tintuża biex tagħti kenn lil dawn ir-refuġjati u kif ukoll bħala sptar għall-feruti. Intużaw mużewijiet tas-Soċjeta` tad-Duttrina tal-Beatu Dun Ġorġ Preca u kmamar mis-sede tal-Azzjoni Kattolika f'Birkirkara.

Minħabba l-problemi li ġabet il-kobor f'daqqa tal-popolazzjoni inħatru żewġ Regional Officers oħra u Sir Anthony Mamo bħala Protection Officer. Dawn kienu jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tan-nies speċjalment l-aktar batuti, partikolarment ir-razzjonar u tqassim ta' l-ikel u bżonnijiet oħra bħaż-żjut u l-pitrolju. Fil-parroċċa ta' Birkirkara kull ġimgħa kienet issir ġabra speċjali għall-bżonnijiet tar-refuġjati.

Birkirkara tat refugju lill-uffiċini tal-gvern fosthom lill-Uffiċċju tal-Posta ta' tas-Sliema, l-Uffiċju għall-ħlas ta' l-ilma u d-dawl, il-bank tal-gvern, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi , id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u tat-Tqassim ta' l-ikel u l-ħobż. Ir-Reġistru Pubbliku u l-Uffiċċju tan-Nutar Pubbliku ġie trasferit fil-Każin Santa Liena Banda Duke of Connaught fi Triq il-Wied. Ingħata kenn ukoll f'Birkirkara l-Uffiċċju tal-Malta Auxilliaries Corps u l-Qorti tal-Ġudizzjarja tal-Pulizija.

Infetħu wkoll sptarijiet ta' emerġenza fosthom l-Isptar San Franġisk Saverju fl-iskola tal-Gvern u l-Isptar San Alwiġi fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, fejn il-pazjenti li mietu f'dan l-isptar indifnu fiċ-Ċimiterju tal-Infetti.

L-iskejjel infetħu fil-Knejjes kollha, fis-Sagristija tal-Kolleġġjata, fl-Awla Kapitulari, fil-Knisja l-Qadima u fil-Mużew tal-bniet, fl-Azzjoni Kattolika u fi djar privati. Kien hemm żmien fejn is-Seminarju ġie trasferit fl-Istitut ta' San Franġisk de Paule u s-Seminarju Maġġuri mar fl-Oratorju

ta' Triq San Ġiljan. Il-kurja ta' l-Arċisqof flimkien mal-Uffiċju tal-Vigarju Ġenerali kien inġieb fis-Sagristija tal-Kulleġġ ta' San Alwiġi.

Bil-gwerra għaddejja il-Karkariżi xorta sabu l-ħin li jiċċelebraw il-festa ta' Santa Liena li fl-1941 saret bil-pompa kollha. Għalkemm it-trasport bil-karozzi ma kienx regolari minħabba r-razzjon fil-fuel, in-nies xorta ġew bil-karozzini u bl-użu ta' l-omnibus li reġa feġġ fit-toroq Maltin fi żmien il-gwerra bħala l-aktar mezz ta' trasport popolari. Biss id-daqq bil-qanpiena l-kbira u l-ħruq tal-murtali kien ipprojbit, imma ħadet sehem Banda Militari.

Birkirkara tat kenn ukoll lil bosta teżori ta' parroċċi oħrajn fosthom l-istatwa ta' Marija Bambina u l-wisq devota statwa ta' Ġesu Redentur ta' l-Isla f'Jannar 1940. Fit-8 ta' Settembru 1943 ġiet meħuda lura. F'Jannar tal-1940 inġiebet f'Birkirkara l-istatwa u l-Kwadru tal-Kunċizzjoni ta' Bormla. Din imbagħad ġiet meħuda lura f'Novembru 1944 b'permezz ta' pellegrinaġġ li baqa' famuż sal-ġurnata ta' llum għad-devozzjoni li kien fih.

Birkirkara soffriet attakki mill-ajru u tfigħ ta' bombi fuq ir-residenzi u t-toroq tagħha li ħallew ħafna vittmi. Tħaffru ħafna shelters mill-gvern u mill-privat bħal dak fil-Pjazza ta' Santa Liena, ieħor taħt il-bitħa ta' l-Oratorju, tnejn oħra fi Triq San Ġiljan u ieħor quddiem il-kappella ta' Santu Rokku. Kien hemm 78 persuni Karkariżi li fl-1940 ingħataw l-Unuri tal-gwerra.

Kif rajna Birkirkara kienet impenjata sa l-aħħar waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Mhux ta' b'xejn ingħatat it-titlu uffiċjali ta' belt kapitali ta' Emerġenza. It-titlu ta' Belt dejjem kien mixtieq f'din il-lokalita` hekk kbira. Biss bil-Fondazzjoni tal-Kolleġġjata fl-1630, Birkirkara ġiet prattikament maqtugħa bħala djoċesi u gvern għaliha u għalhekk l-ebda awtorita` Maltija ma setgħet tagħmilha belt. Biss l-impenn u l-karattru storiku ta' Birkirkara hija turija ċara ta' kemm din il-lokalita` hija parti importanti mill-Gżejjer Maltin. Fl-aħħar mill-aħħar l-ebda titlu mogħti lil xi lokalita ma mibdilha f'daqqa waħda minn lokalita rurali għall-belt. Huma biss ir-riperkussjonijiet ekonomiċi, politiċi u l-bidliet soċjali fuq il-lokalitajiet li tikklassifika lokalita bħala raħal jew belt u minn dawn Birkirkara esperjenzat ħafna.

**Biblijografija:**


**G. Ellul Mercer**, *"Minn taħt in-Nar"*

**A. Guillaumier**, *"Bliet u Rħula Maltin"*, (Malta, 1972)

**Kan. A. Mallia Borg**, *"Tagħrif u Tifkiriet dwar Birkirkara"*, (Birkirkara, 1997)

**J. Zammit**, *"Storja ta' Birkirkara"*, (Birkirkara, 1992)

**C. Felice**, *"A Study in Local History since 1800: Birkirkara"*, (B.A. (Hons.) Thesis, Malta, 1999)